Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2002/72/KE

tas-6 ta' Awissu 2002

dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 22, 15.8.2002, p. 18)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/1/KE tas-6 ta' Jannar 2004	L 7	45	13.1.2004
►M2	Id-Direttiva tal-Kumissjoni 2004/19/KE ta' l-1 ta' Marzu 2004	L 71	8	10.3.2004
►M3	Direttiva tal-Kummissjoni 2005/79/KE tat-18 ta' Novembru 2005	L 302	35	19.11.2005

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2002/72/KE

tas-6 ta' Awissu 2002

dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/109/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar materjali w oġġetti intenzjonati sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel ([1]), u b'mod partikolari Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 90/128/KEE tat-23 ta' Frar 1990 dwar materjali tal-plastik u oġġetti ntenzjonati sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel ([2]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/17/KE ([3]), ġiet emendata spiss u b'mod sostanzjali; għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' razzjonalità, għandha għalhekk tiġi konsolidata.

(2) Artikolu 2 tad-Direttiva 89/109/KEE jistabbilixxi li l-materjali u l-oġġetti, fl-istat lest tagħhom, ma għandhomx jittrasferixxu l-kostitwenti tagħhom għal oġġetti ta' l-ikel fi kwantitajiet li jistgħu jipperikolaw is-saħħa umana jew jikkawżaw tibdil mhux aċċettabbli fil-kompożizzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel.

(3) Sabiex jintlaħaq dan il-għan fil-każ ta' materjali u oġġetti tal-plastik, strument xieraq huwa Direttiva speċifika fi ħdan it-tifsira ta' Artikolu 3 tad-Direttiva 89/109/KEE, li d-disposizzjonijiet ġenerali tagħha huma applikabbli wkoll għall-każ imsemmi.

(4) L-iskop ta' din id-Direttiva għandu jikkoinċidi ma' dak tad-Direttiva tal-Kunsill 82/ 711/KEE ([4]).

(5) Minħabba li r-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva mhumiex xierqa għal raża ta' bdil ta' jone, dawn il-materjali w oġġetti sejrin ikunu koperti bDirettiva speċifika sussegwenti.

(6) Is-silikoni għandhom jiġu meqjusa bħala materjali elastomeriċi u mhux bħala materjali tal-plastik u għalhekk għandhom jiġu eskluži mid-definizzjoni ta' plastik.

(7) It-twaqqif ta' lista ta' sustanzi approvati akkumpanjati minn limitu fuq il-migrazzjoni totali u, fejn xieraq, b'restrizzjonijiet oħra speċifiċi għandha tkun biżżejjed sabiex jintlaħaq l-għan stabbilit f'Artikolu 2 tad-Direttiva 89/109/KEE.

(8) Apparti l-*monomers* u sustanzi oħra tal-bidu li huma evalwati għal kollox u awtorizzati fuq livell Komunitarju, hemm ukoll *monomers* u sustanzi tal-bidu evalwati u awtorizzati f'għallinqas Stat Membru wieħed li jistgħu jibqgħu jintużaw sakemm issir l-evalwazzjoni tagħhom mill-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel u tittieħed deċiżjoni fuq l-inklużjoni tagħhom fil-lista Komunitarja;

([1]) ĠU L 40, 11.2.1989, p. 38.
([2]) ĠU L 75, 21.3.1990, ikkoreġut b'ĠU L 349, 13.12.1990, p. 26.
([3]) ĠU L 58, 28.2.2002, p. 19.
([4]) ĠU L 297, 23.10.1982, p. 26. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 97/48/KE (ĠU L 222, 12.8.1997, p. 10).

▼B

għalhekk, din id-Direttiva sejra tiġi estiża meta jasal il-waqt għas-sustanzi w l-oqsma eskluż proviżorjament.

(9) Il-lista kurrenti ta' addittivi hija lista mhux kompluta minħabba illi ma fihiex is-sustanzi kollha li fil-preżent huma aċċettati fi Stat Membru wieħed jew aktar; għalhekk dawn is-sustanzi jibqgħu jiġu rregolati minn liġijiet nazzjonali sakemm tittieħed deċiżjoni fuq l-inklużjoni tagħhom fil-lista Komunitarja.

(10) Din id-Direttiva tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għal ftit sustanzi biss. Għalhekk, is-sustanzi l-oħra, li jistgħu jeħtiegu l-ispeċifikazzjonijiet, jibqgħu rregolati f'dan ir-rigward mil-liġijiet nazzjonali sakemm tittieħed deċiżjoni fuq l-inklużjoni tagħhom fil-lista Komunitarja.

(11) Għal ċerti addittivi, ir-restrizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva għad ma jistgħux jiġu applikati fis-sitwazzjonijiet kollha sakemm tingħabar u tiġi evalwata l-informazzjoni kollha meħtieġa għal stima aħjar ta' l-espożizzjoni tal-konsumatur f'xi sitwazzjonijiet speċifiċi; għalhekk, dawn l-addittivi jidhru f'lista għajr dik ta' l-addittivi li huma rregolati għal kollox fuq livell Komunitarju.

(12) Id-Direttiva 82/711/KEE tistabbilixxi r-regoli bażiċi li huma neċessarji għall-ittestjar tal-migrazzjoni tal-kostitwenti ta' materjali u oġġetti tal-plastik u d-Direttiva tal-Kunsill 85/572/KEE [1] tistabbilixxi l-lista ta' simulanti li għandhom jintużaw fit-testijiet ta' migrazzjoni.

(13) Id-determinazzjoni ta' kwantità ta' sostanza f'materjal jew oġġett lest hija aktar sempliċi mid-determinazzjoni tal-livell speċifiku tal-migrazzjoni tagħha. Għalhekk il-verifika tal-konformità permezz tad-determinazzjoni tal-kwantità minflok il-livell speċifiku tal-migrazzjoni għandha tkun permessa taħt ċerti kondizzjonijiet.

(14) Għal ċerti tipi ta' plastika d-disponibilità ta' mudelli ta' diffużjoni rikonoxxuti b'mod ġenerali bażata fuq informazzjoni sperimentali tippermetti li ssir stima tal-livell ta' migrazzjoni ta' sostanza taħt ċerti kondizzjonijiet, u għalhekk jiġi evitat ittestjar kumpless, li jiswa l-flus u li jieħu l-ħin.

(15) Il-limitu ġenerali ta' migrazzjoni huwa qies ta' l-istat ta' l-inattività tal-materjal u jipprevjeni bdil mhux aċċettabbli fil-kompożizzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel, u, barra dan inaqqas il-ħtieġa għal numru kbir ta' limiti speċifiċi ta' migrazzjoni jew restrizzjonijiet oħra, u b'hekk jagħti kontroll effettiv.

(16) Id-Direttiva tal-Kunsill 78/142/KEE [2] tistabbilixxi l-limiti għall-kwantità tal-klorur tal-vinyl preżenti f'materjali u oġġetti tal-plastik ippreparati ma' din is-sostanza w għall-kwantità ta' klorur tal-*vinyl* li toħroġ minn dawn il-materjali w oġġetti, u d-Direttivi tal-Kummissjoni 80/766/KEE [3] u 81/432/KEE [4] jistabbilixxu l-metodi ta' analiżi tal-Komunità għall-kontroll ta' dawn il-limiti.

(17) Minħabba r-riskju potenzjali, hemm il-ħtieġa għad-dikjarazzjoni bil-miktub li hemm provdut għaliha f'Artikolu 6(5) tad-Direttiva 89/109/KEE kull meta jsir użu professjonali minn materjali u oġġetti tal-plastik li mhumiex fin-natura tagħhom intenzjonati b'mod ċar għall-użu ta' alimentazzjoni.

(18) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/590/KEE [5] li tistabbilixxi s-simbolu li jista' jakkumpanja kwalunkwe materjal u oġġett intenzjonat li jiġi f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel.

---

[1] ĠU L 372, 31.12.1985, p. 14.
[2] ĠU L 44, 15.2.1978, p. 15.
[3] ĠU L 213, 16.8.1980, p. 42.
[4] ĠU L 167, 24.6.1981, p. 6.
[5] ĠU L 151, 19.6.1980, p. 21.

▼B

(19) Bi qbil mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa neċessarju w xieraq għall-ilħuq ta' l-għan bażiku, li jiġi żgurat il-moviment liberu ta' materjali w oġġetti tal-plastik intenzjonati sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel, sabiex jiġu stabbiliti regoli dwar id-definizzjoni tal-plastika w sustanzi permessi. Din id-Direttiva tillimta ruħha għal dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet segwiti skond it-tielet paragrafu ta' Artikolu 5 tat-Trattat.

(20) Bi qbil ma' Artikolu 3 tad-Direttiva 89/109/KEE, il-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel ġie konsultat dwar id-disposizzjonijiet li jistgħu jaffettwaw is-saħħa pubblika.

(21) Il-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali.

(22) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dati ta' għeluq stabbiliti f'Anness VII, Parti B li fihom, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 90/128/KEE, u l-atti li jemendawha,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva hija Direttiva speċifika fi ħdan it-tifsira ta' Artikolu 3 tad-Direttiva 89/109/KEE.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-materjali w l-oġġetti tal-plastik u partijiet minnhom:

(a) magħmulin esklussivament mill-plastik; jew

(b) magħmulin minn żewġ saffi jew aktar ta' materjali, kull wieħed minnhom magħmul esklussivament mill-plastik, li huma magħqudin flimkien permezz ta' adeżivi jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor,

li, fl-istat tal-prodott lest, huma intenzjonati sabiex jiġu f'kuntatt jew jinġiebu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel u huma intenzjonati għal dak il-għan.

3. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, "plastik", tfisser kompożizzjoni makromolekolari organika miksuba b'polimerizzazzjoni, b'polikondensazzjoni, b'polyaddizzjoni jew bi kwalunkwe proċess ieħor simili minn molekoli b'piż molekolari aktar baxx jew permezz ta' bidla kimika ta' makromolekoli naturali. Jistgħu jiġu miżjuda sustanzi jew materja oħra ma' kompożizzjoni makromolekolari bħal din.

Iżda, dawn li ġejjin ma għandhomx jitqiesu bħala "plastik":

(a) *film* taċ-ċelluloża riġenerat kemm jekk illustrat kif ukoll jekk le, kopert bid-Direttiva tal-Kummissjoni 93/10/KEE ([1]);

(b) *elastomers* u gomma naturali w sintetika;

(ċ) karta w *paperboard*, kemm jekk modifikata kif ukoll jekk le biż-żieda ta' plastik;

(d) kisjiet tal-wiċċ miksubin minn:

— xama' tal-pitrolju, li tinkludi xama' tal-pitrolju sintetika, u/jew xama' mikro-kristallina,

— taħlit tax-xama' elenkata fl-ewwel inċiż waħda ma' oħra jew mal-plastik,

(e) raża ta' bdil ta' *ione*;

([1]) ĠU L 93, 17.4.1993, p. 27. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 93/111/KE (ĠU L 310, 14.12.1993, p. 41).

▼B

(f) silikoni.

4. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika, sakemm tittieħed azzjoni oħra mill-Kummissjoni, fir-rigward ta' materjali w oġġetti magħmulin minn żewg saffi jew aktar, li wieħed jew aktar minnhom ma humiex magħmulin esklussivament mill-plastik, anki jekk il-wieħed intenzjonat li jiġi f'kuntatt dirett ma' l-ikel ikun magħmul esklussivament mill-plastik.

Artikolu 2

Materjali w oġġetti tal-plastik ma għandhomx jittrasferixxu l-kostitwenti tagħhom f'oġġetti ta' l-ikel fi kwantitajiet ta' aktar minn 10 milligrami għal kull deċimetru kwadru ta' l-arja tal-wiċċ tal-materjal jew oggett (mg/dm2) (limitu totali ta' migrazzjoni). Iżda, dan il-limitu għandu jkun ta' 60 milligramma ta' kostitwenti rilaxxati għal kull kilogramma ta' oġġetti ta' l-ikel (mg/kg) fil-każijiet li ġejjin:

(a) oġġetti li huma reċipjenti jew li huma komparabbli għal reċipjenti jew li jistgħu jimtlew, b'kapaċità ta' mhux inqas minn 500 millilitri (ml) u mhux aktar minn 10 litri (1);

(b) oġġetti li jistgħu jimtlew u li għalihom mhuwiex prattiku li ssir stima ta' l-arja tal-wiċċ li tiġi f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel;

(ċ) tappijiet, gaskets, stoppers jew tagħmir simili ta' siġill.

Artikolu 3

▼M2

1. Dawk il-monomeri u sustanzi tal-bidu oħra biss elenkati fl-Anness II, taqsima A jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' materjali u oġġetti tal-plastik bla ħsara għar-restrizzjonijiet imniżżla fih.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-monomeri u sustanzi tal-bidu oħra elenkati fl-Anness II, it-taqsima B jistgħu jibqgħu jintużaw sal-31 ta' Diċembru 2004 l-aktar tard, sakemm issir il-valutazzjoni tagħhom mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurezza ta' l-Ikel (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjħa l-Awtorità).

▼B

3. Il-lista f'Anness II, Sezzjoni A, tista' tiġi emendata:

— jew billi jiġu miżjudin sustanzi elenkati f'Anness II, Sezzjoni B, skond il-kriterji ta' Anness II għad-Direttiva 89/109/KEE, jew

— billi jiġu nklużi "sustanzi godda", jiġifieri sustanzi li la huma elenkati f'Sezzjoni A u lanqas ma huma elenkati f'Sezzjoni B ta' Anness II, skond Artikolu 3 tad-Direttiva 89/109/KEE.

4. L-ebda Stat Membru ma jista' jawtorizza xi sostanza ġdida sabiex tintuża fit-territorju tiegħu għajr taħt il-proċedura ta' Artikolu 4 tad-Direttiva 89/109/KEE.

5. Il-listi li jidhru f'Anness II, Sezzjonijiet A u B, għadhom ma jinkludux *monomers* u sustanzi tal-bidu oħra wżati biss fil-manifattura ta':

— kisjiet tal-wiċċ miksubin minn prodotti tar-raża jew polimerizzati f'għamla likwida, ta' trab jew f'forma li tinfirex, bħalma huma lostri, laker, żebgħa, eċċ.,

— raża *eposside*,

— adeżivi u promuturi ta' l-adeżjoni,

— inka ta' l-istampar.

▼M2

L-Artikolu 4

1. Lista ta' addittivi li jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' materjali u oġġetti tal-plastik, flimkien mar-restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet dwar l-użu tagħhom, hija stipulata fl-Anness III.

Il-lista ta' l-addittivi għandha titqies li tkun lista mhux kompleta sakemm il-Kummissjoni tiddeċidi, skond l-Artikolu 4a, li hija għandha ssir lista pożittiva tal-Komunitàta' ta' addittivi awtorizzati, bl-esklużjoni ta' l-oħrajn kollha.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, sal-31 ta' Diċembru 2007 l-aktar tard, id-data meta dik il-lista għandha ssir lista pożittiva.

2. Għall-addittivi elenkati fl-Anness III, it-taqsima B, il-verifikazzjoni tal-konformità mal-limiti speċifiċi ta' migrazzjoni fl-istimulant D jew fil-medja tat-test ta' testijiet sostituti kif stipulati fl-Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 82/711/KEE u l-Artikolu 1 tad-Direttiva 85/572/KEE għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2006.

3. Il-listi fl-Anness III, taqsimiet A u B għadhom ma jinkludux l-addittivi li ġejjin:

(a) addittivi wżati biss fil-manifattura ta':

— kisjiet tal-wiċċ miksuba minn prodotti reżinuži jew polimerizzati f'forma likwida, trab jew dispersjoni, bħal vernič, laker, żebgħa,

— reżina ta' l-epossidiku,

— adeživi u promuturi ta' l-adeživi,

— linka ta' l-istampar;

(b) koloranti;

(ċ) solventi.

L-Artikolu 4a

1. Addittiv ġdid jista' dejjem jiġi miżjud mal-lista tas-sustanzi msemmija fl-Artikolu 4(1) wara valutazzjoni tas-sigurezza tiegħu mill-Awtorità.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li kull persuna interessata fl-inklużjoni fil-lista msemmija fl-Artikolu 4(1) ta' addittiv, li jkun diġà imqiegħed fis-suq fi Stat Membru wieħed jew aktar, għandu jissottometti d-*data* għall-valutazzjoni dwar is-sigurezza tiegħu mill-Awtorità sal-31 ta' Diċembru 2006 l-aktar tard.

Għas-sottomissjoni tad-*data* meħtieġa, l-applikant għandu jikkonsulta "l-Linji Gwida ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurezza ta' l-Ikel għall-presentazzjoni ta' applikazzjoni għall-istima ta' sigurezza ta' sustanza li għandha tintuża f'materjali li jiġu f'kuntatt ma' l-ikel qabel l-awtorizzazzjoni tagħha".

3. Jekk matul l-eżami tad-*data* msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità titlob għal informazzjoni supplementari, l-addittiv jista' jkompli jintuża bla ħsara għall-liġi nazzjonali sakemm l-Awtorità tkun ħarġet opinjoni, kemm-il darba l-informazzjoni tintbagħat fil-limiti ta' żmien speċifikati mill-Awtorità.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, sal-31 ta' Diċembru 2007 l-aktar tard, lista provviżorja ta' addittivi li jistgħu jibqgħu jintużaw wara l-31 ta' Diċembru 2007, bla ħsara għall-liġi nazzjonali sakemm l-Awtorità tkun ivvalutathom.

5. L-inklużjoni ta' addittiv fil-lista provviżorja hija suġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-addittiv għandu jkun permess fi Stat Membru wieħed jew aktar mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006;

▼M2

(b) id-*data* msemmija fil-paragrafu 2 li tikkonċerna dak l-addittiv għandha tkun ġiet provduta skond il-ħtiġiet ta' l-Awtorità mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006.

Artikolu 4b

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tad-Direttiva 89/109/KEE, l-Istati Membri ma jistgħux jawtorizzaw wara l-31 ta' Diċembru 2006 l-addittivi msemmija fl-Artikolu 4(1) li qatt ma kienu ġew valutati mill-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel jew l-Awtorità.

▼B

Artikolu 5

Il-prodotti miksubin biss permezz ta' fermentazzjoni batterjologika elenkati fAnness IV jistgħu jintużaw f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel.

▼M2

L-Artikolu 5a

1. L-addittivi msemmija fl-Artikolu 4, li huma awtorizzati bħala addittivi ta' l-ikel bid-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE ([1]) jew bħala ħwawar bid-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE ([2]) ma għandhomx jimmigraw fi:

(a) oġġetti ta' l-ikel fi kwantitajiet li jkollhom funzjoni teknoloġika fl-oġġetti finali ta' l-ikel finali;

(b) oġġetti ta' l-ikel li għalihom l-użu tagħhom huwa awtorizzat bħala addittivi ta' l-ikel jew bħala ħwawar, fi kwantitajiet li jeċċedu r-restrizzjonijiet previsti fid-Direttiva 89/107/KEE jew fid-Direttiva 88/388/KEE jew fl-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva, skond liema jkunu l-aktar baxxi;

(ċ) oġġetti ta' l-ikel li għalihom l-użu tagħhom ma huwiex awtorizzat bħala addittivi ta'l-ikel jew ħwawar, fi kwantitajiet li jeċċedu r-restrizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva.

2. Fl-istadji tal-*marketing* minbarra fl-istadji tal-bejgħ bl-imnut, materjali u oġġetti tal-plastik li huma maħsuba li jitqegħdu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel u li fihom l-addittivi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu akkumpanjati b'dikjarazzjoni bil-miktub li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1)(b).

3. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn is-sustanzi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 jintużaw bħala komponenti attivi ta' materjali u oġġetti attivi ta' kuntatt ma' ikel, jistgħu jkunu suġġetti għad-disposizzjonijiet nazzjonali sakemm jiġu adottati disposizzjonijiet tal-Komunità.

▼B

Artikolu 6

1. Speċifikazzjonijiet ġenerali li għandhom x'jaqsmu mal-materjali u oġġetti tal-plastik huma stabbiliti f'Anness V, Parti A. Speċifikazzjonijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' xi sustanzi li jidhru f'Annessi II, III u IV huma stabbiliti f'Anness V, Parti B.

2. It-tifsira tan-numri fil-parentesi li jidhru fil-kolonna "Restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet" hija spjegata f'Anness VI.

([1]) ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 27.
([2]) ĠU L 184, tal-15.7.1988, p. 61.

▼M2

L-Artikolu 7

Il-limiti speċifiċi ta' migrazzjoni fil-lista stipulata fl-Annessi II u III huma espressi f'mg/kg. Izda, dawk il-limiti huma espressi f'mg/dm^2 fil-każi li ġejjin:

(a) oġġetti li huma kontenituri jew li huma komparabbli ma' kontenituri jew li jistgħu jimtlew, b'kapaċità ta' anqas minn 500 ml jew aktar minn 10 l;

(b) folji, folji rqaq jew materjali jew oġġetti oħra li ma jistgħux jimtlew jew li għalihom ma huwiex prattikabbli li tiġi stmata r-relazzjoni bejn l-erja tal-wiċċ ta' dak il-materjal jew oġġetti u l-kwantità ta' ikel li jiġi f'kuntatt miegħu.

F'dawk il-każi, l-limiti stipulati fl-Annessi II u III, espressi f'mg/kg għandhom jiġu diviżi bil-fattur konvenzjonali ta' konverżjoni ta' 6 sabiex jiġu espressi f'mg/dm^2.

▼B

Artikolu 8

1. Il-verifika tal-konformità mal-limiti tal-migrazzjoni għandha ssir skond ir-regoli stabbiliti fid-Direttivi 82/711/KEE u 85/572/KEE u d-disposizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'Anness I.

▼M2

2. Il-verifikazzjoni tal-konformità mal-limiti speċifiċi ta' migrazzjoni previsti fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu obbligatorji, jekk il-valur ta' l-istabbiliment sħiħ tal-migrazzjoni jimplika li l-limiti speċifiċi ta' migrazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu ma jinqabżux.

▼B

3. Il-verifika tal-konformità mal-limiti speċifiċi tal-migrazzjoni li għalihom hemm provdut fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkunu obbligatorja, jekk jista' jiġi stabbilit li, billi titqies il-migrazzjoni sħiħa tas-sostanza ta' fdal fil-materjal jew oġġetti, din ma tistax taqbeż il-limitu speċifiku ta' migrazzjoni.

4. Il-verifika tal-konformità mal-limiti speċifiċi tal-migrazzjoni li għalihom hemm provdut fil-paragrafu 1 tista' tiġi żgurata bid-determinazzjoni tal-kwantità ta' sostanza fil-materjal jew l-oġġett lest, sakemm tkun ġiet stabbilita relazzjoni bejn dik il-kwantità u l-valur speċifiku tal-migrazzjoni tas-sostanza jew permezz ta' esperiment adegwat jew permezz ta' l-applikazzjoni tal-mudelli ta' diffużjoni rikonoxxuti b'mod ġenerali fuq evidenza xjentifika. Sabiex tiġi murija n-nuqqas ta' konformità ta' materjal jew oġġett, il-konferma tal-valur stmat ta' migrazzjoni hija obbligatorja permezz ta' ttestjar sperimentali.

Artikolu 9

▼M2

1. Fl-istadji tal-*marketing* minbarra l-istadji tal-bejgħ bl-imnut, oġġetti u materjali tal-plastik li huma maħsuba li jitqiegħdu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel għandhom ikunu akkumpanjati b'dikjarazzjoni bil-miktub, li għandha:

(a) tkun skond l-Artikolu 6(5) tad-Direttiva 89/109/KEE;

(b) tipprovdi, għal sustanzi li huma suġġetti għal restrizzjoni fl-ikel, informazzjoni adegwata miksuba b'*data* sperimentali jew kalkolu teoretiku dwar il-livell tal-migrazzjoni speċifika tagħhom u, fejn xieraq, kriterji tal-purità skond id-Direttivi tal-Kummissjoni 95/31/KE ([1]), 95/45/KE ([2]) u 2002/82/KE ([3]) biex tippermetti lill-utent ta'

([1]) ĠU L 178, tat-28.7.1995, p. 1.
([2]) ĠU L 226, tat-22.9.1995, p. 1.
([3]) ĠU L 292, tat-28.10.2002, p. 1.

▼M2

dawn il-materjali u oġġetti li jikkonforma mad-disposizzjonijiet relevanti tal-Komunità jew, fin-nuqqas tagħhom, ma' disposizzjonijiet nazzjonali applikabbli għall-ikel.

_____

▼B

Artikolu 10

1. Id-Direttiva 90/128/KEE, kif emendata bid-Direttivi li jinsabu f'Anness VII, Parti A, hija rrevokata mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri fir-rigward tad-dati ta' għeluq għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni li tinsab f'Anness VII, Parti B.

2. Referenzi għad-Direttivi rrevokati għandhom jinftehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab f'Anness VIII.

Artikolu 11

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni uffiċjali tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS I

DISPOSIZZJONIJIET OĦRA APPLIKABBLI META TKUN QED TIĠI VERIFIKATA L-KONFORMITÀ MAL-LIMITI TAL-MIGRAZZJONI.

Disposizzjonijiet ġenerali

1. Meta jiġu mqabblin ir-riżultati tat-testijiet ta' migrazzjoni speċifikati fl-Anness tad-Direttiva 82/711/KEE, il-gravità speċifika tas-simulanti kollha għandha titqies b'mod konvenzjonali li tkun 1. Milligrammi ta' sostanza(i) rilaxxati għal kull litru ta' simulant (mg/l) allura tkun tikkorrispondi numerikament għall-milligrammi tas-sostanza(i) rilaxxata(i) għal kull kilogramma ta' simulant u, meta wieħed jikkunsidra d-disposizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 85/572/KEE, għall-milligrammi tas-sostanza(i) rilaxxata(i) għal kull kilogramm ta' oġġetti ta' l-ikel.

2. Fejn isiru testijiet tal-migrazzjoni fuq kampjuni meħudin mill-materjal jew oġġetti jew minn fuq kampjuni ffabrikati għal dak il-għan, u l-kwantitajiet ta' oġġetti ta' l-ikel jew simulanti mpoġġija f'kuntatt mal-kampjun ivarjaw minn dawk użati fil-kondizzjonijiet attwali li taħthom jiġi wżat il-materjal jew l-oġġett, ir-riżultati miksubin għandhom jiġu korretti billi jiġu applikati l-formoli li ġejjin:

$$M = \frac{m \cdot a_2}{a_1 \cdot q} \cdot 1\,000$$

Fejn:

M	hija l-migrazzjoni f'mg/kg;
m	hija l-piż f'mg tas-sostanza rilaxxata mill-kampjun kif stabbilit mit-test tal-migrazzjoni;
a_1	hija l-arja tal-wiċċ f'dm2 tal-kampjun f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel jew simulant waqt it-test tal-migrazzjoni;
a_2	hija l-erja tal-wiċċ f'dm2 tal-materjal jew oġġett f'kondizzjonijiet reali ta' l-użu;
q	hija l-kwantità fi grammi ta' oġġetti ta' l-ikel f'kuntatt mal-materjal jew oġġett f'kondizzjonijiet rejali ta' l-użu.

3. Id-determinazzjoni tal-migrazzjoni ssir fuq il-materjal jew l-oġġett jew, u jekk dak ma jkunx possibbli, bl-użu jew ta' kampjuni meħudin mill-materjal jew mill-oġġett jew, fejn ikun xieraq, kampjuni rappreżentattivi ta' dan il-materjal jew oġġett.

   Il-kampjun għandu jitpoġġa f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel jew simulant b'mod li jirrappreżenta l-kondizzjonijiet tal-kuntatt f'użu attwali. Għal dan il-għan, it-test għandu jsir b'tali mod li dawk il-partijiet biss tal-kampjun intenzjonati li jiġu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel waqt użu attwali jkunu f'kuntatt m'a l-ikel jew simulant. Din il-kondizzjoni hija partikolarment importanti fil-każ ta' materjali w oġġetti li fihom seba' saffi għall-għeluq, eċċ.

   L-ittestjar tal-migrazzjoni ta' kapep, *gaskets*, *stoppers* u tagħmir simili ta' siġill għandu jsir fuq dawn l-oġġetti billi dawn jiġu applikati fuq ir-reċipjenti li għalihom huma ntenzjonati b'mod li jikkorrispondu mal-kondizzjonijiet ta' l-għeluq f'użu normali jew f'użu li jista' jsir.

   Fil-każijiet kollha għandu jkun permess li tiġi murija l-konformità mal-limiti tal-migrazzjoni bl-użu ta' test aktar strett.

4. Skond id-disposizzjonijiet stabbiliti f'Artikolu 8 tad-Direttiva preżenti, il-kampjun tal-materjal jew oġġett jitpoġġa f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel jew simulant xieraq għal perjodu ta' żmien u f'temperatura li tiġi magħżula b'referenza għall-kondizzjonijiet ta' kuntatt fl-użu attwali, skond ir-regoli li jinsabu fid-Direttivi 82/711/KEE u 85/572/KEE. Fit-tmiem taż-żmien preskritt, issir id-determinazzjoni analitika tal-kwantità totali tas-sustanzi (migrazzjoni ġenerali) u/jew il-kwanitità speċifika ta' sostanza waħda jew aktar (migrazzjoni speċifika) rilaxxata mill-kampjun fuq oġġetti ta' l-ikel jew simulant.

5. Fejn materjal jew oġġett huwa intenzjonat sabiex jiġi f'kuntatt ripetut ma' oġġetti ta' l-ikel, it-test(ijiet) ta' migrazzjoni għandhom isiru tlett darbiet fuq kampjun wieħed skond il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva 82/711/KEE bl-użu ta' kampjun ieħor ta' l-ikel jew simulant(i) f'kull okkażjoni. Il-konformità tiegħu tiġi vverifikata fuq il-bażi tal-livell ta' migrazzjoni misjuba fit-tielet test. Iżda, jekk ikun hemm evidenza konklussiva li l-livell tal-migrazzjoni ma jiżdidx fit-tieni w it-tielet test u jekk il-limitu(i) tal-migrazzjoni mhuwiex (mhumiex) maqbuż(a) fl-ewwel test, ma jkun hemm bżonn ta' l-ebda test ieħor.

Disposizzjonijiet speċjali li għandhom x'jaqsmu mal-migrazzjoni totali.

6. Jekk jintużaw is-simulanti milwiema speċifikati fid-Direttivi 82/711/KEE u 85/572/KEE, id-determinazzjoni analitika tal-kwantità totali ta' sustanzi rilax-

▼B

xati mill-kampjun tista' ssir permezz ta' l-evaporazzjoni tas-simulant u l-użin tal-fdal.

Jekk jintuża ż-żejt taż-żebbuġa rettifikat jew kwalunkwe sostitut tiegħu, tista' tiġi segwita l-proċedura mogħtija hawn taħt.

Il-kampjun tal-materjal jew oġġett jiġi mwieżen qabel u wara l-kuntatt mas-simulant. Is-simulant assorbit mill-kampjun jiġi estratt u determinat mil-lat kwantitattiv. Il-kwanitità tas-simulant misjub tiġi mnaqqsa mill-piż tal-kampjun imkejjel wara l-kuntatt mas-simulant. Id-differenza bejn il-piż tal-bidu u l-piż finali korrett tirrapreżenta l-migrazzjoni totali tal-kampjun eżaminat.

Fejn materjal jew oġġett ikun intenzjonat sabiex jiġi f'kuntatt ripetut ma' oġġetti ta' l-ikel u jkun teknikament impossibbli li jsir it-test deskritt fil-paragrafu 5, modifiki għal dak it-test huma aċċettabbli, jekk huma jagħmluha possibbli li jiġi stabbilit il-livell tal-migrazzjoni li jseħħ waqt it-tielet test.. Waħda minn dawn il-modifiki possibbli hija deskritta hawn taħt.

It-test isir fuq tlett kampjuni identiċi tal-materjal jew oġġett. Wieħed minn dawn jiġi soġġett għat-test ix-xieraq u l-migrazzjoni ġenerali tiġi stabbilita (M1). It-tieni u t-tielet kampjun jiġu soġġetti għall-istess kondizzjonijiet ta' temperatura iżda l-perjodu ta' kuntatt ikun tnejn jew tlett darbiet dak speċifikat u l-migrazzjoni totali tiġi stabbilita f'kull każ (M2 u M3, rispettivament).

Il-materjal jew l-oġġett ikun meqjus li jkun f'konformità jekk, jew M1 jew M3 - M2 ma jaqbżux il-limitu ta' migrazzjoni totali.

7. Materjal jew oġġett li jaqbeż il-limitu ġenerali ta' migrazzjoni b'ammont mhux akbar mit-tolleranza analitika msemmija hawn taħt, għandu jiġi kkunsidrat li jkun konformi ma din id-Direttiva.

   Ġew osservati t-toleranzi analitiċi li ġejjin:

   — 20mg/kg jew 3mg/dm2 f'testijiet ta' migrazzjoni bl-użu ta' żejt taż-żebbuġa rettifikat, jew sostituti;

   — 12mg/kg jew 2mg/dm2 f'testijiet ta' migrazzjoni bl-użu ta' simulanti oħra msemmija fid-Direttivi 82/711/KEE u 85/572/KEE.

8. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' Artikolu 3(2) tad-Direttiva 82/711/KEE, ma għandhomx isiru testijiet ta' migrazzjoni bl-użu ta' żejt taż-żebbuġa rettifikat jew sostituti sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-limitu ta' migrazzjoni totali f'każijiet fejn hemm evidenza konklussiva li l-metodu analitiku speċifikat mhuwiex adegwat mill-punt tekniku.

   F'każ bħal dan, għal sustanzi eżenti minn limiti speċifiċi ta' migrazzjoni jew minn restrizzjonijiet oħra fil-lista pprovduta f'Anness II, jiġi applikat limitu speċifiku ġeneriku ta' migrazzjoni ta' 60 mg/kg jew 10 mg/dm2, skond il-każ. Madankollu, t-total tal-migrazzjonijiet kollha speċifiċi determinati ma għandux jaqbeż il-limitu ta' migrazzjoni totali.

▼B

ANNESS II

LISTA TA' *MONOMERS* U SUSTANZI TAL-BIDU OĦRA LI JISTGĦU JINTUŻAW FIL-MANIFATTURA TA' MATERJALI U OĠĠETTI TAL-PLASTIK

INTRODUZZJONI ĠENERALI

1. Dan l-Anness fih il-lista ta' *monomers* jew sustanzi oħra tal-bidu. Il-lista tinkludi:

   — sustanzi li jkunu għaddejjin minn polimerizzazzjoni, li tinkludi l-polikondensazzjoni, l-polyaddizzjoni jew kwalunkwe proċess ieħor simili, sabiex jiġu manifatturati l-makromolekoli.

   — sustanzi naturali jew sintetiċi makromolekolari wżati fil-manifattura ta' makromolekoli modifikati, jekk il-monomers jew is-sustanzi tal-bidu l-oħrajn meħtieġa sabiex jissintetizzawhom mhumiex inklużi fil-lista,

   — sustanzi wżati sabiex jimmodfikaw sustanzi makromolekulari eżistenti naturali jew sintetiċi.

▼M3

2. Is-sustanzi li ġejjin mhumiex inklużi anke jekk huma użati intenzjonalment u huma awtorizzati:

   (a) mluħa (inklużi mluħa doppji u mluħa ta' l-aċdi) ta' l-aluminju, l-ammonju, il-kalċju, il-ħadid, il-manjeżju, il-potassju, is-sodju jew aċdi awtorizzati, il-fenols jew l-alkoħols. Madankollu, ismijiet li fihom "… aċdu(i), mluħa" jidhru fil-listi, jekk l-aċdi ħielsa korrispondenti ma jkunux imsemmija;

   (b) mluħa (inklużi mluħa doppji u mluħa ta' l-aċdi) taż-żingu ta' aċdi awtorizzati, fenols jew alkoħols. Għal dawn l-imluħa Grupp SML = 25 mg/kg (li jingħata bħala Zn) japplika. L-istess restrizzjoni għaż-Zn japplika għal:

      (i) sustanzi li l-ismijiet tagħhom fihom "… aċdu(i), mluħa" li jidhru fil-listi, jekk l-aċdu(i) ħielsa korrispondenti ma jkunux imsemmija,

      (ii) sustanzi li jissemmew fin-nota 38 ta' l-Anness VI.

▼B

3. Il-lista ma tinkludix ukoll is-sustanzi li ġejjin għalkemm jistgħu jkunu preżenti:

   (a) sustanzi li jistgħu jkunu preżenti fil-prodott finali bħala:

      — impuritajiet fis-sustanzi wżati,

      — intermedji tar-reazzjoni,

      — prodotti ta' dekompożizzjoni;

   (b) oligomeri u sustanzi makromolekolari naturali jew sintetiċi kif ukoll it-taħlit tagħhom, jekk il-monomers jew sustanzi tal-bidu meħtieġa sabiex jissintetizzawhom huma nklużi fil-lista;

   (ċ) taħlit tas-sustanzi awtorizzati

   Il-materjali w oġġetti, li fihom sustanzi ndikati taħt punti (a), (b) u (ċ) għandhom ikunu konformi mal-ħtiġiet stabbiliti f'Artikolu 2 tad-Direttiva 89/109/KEE.

4. Is-sustanzi għandhom ikunu ta' kwalità teknika tajba fir-rigward tal-kriterji ta' purità.

5. Il-lista fiha l-informazzjoni li ġejja:

   — kolonna 1 (Nru. ta' ref.): in-numru ta' referenza tal-materjal ta' ppakkjar tal-KEE tas-sustanzi fil-lista

   — kolonna 2 (Nru. tas-CAS): in-numru ta' reġistrazzjoni CAS (Chemical Abstracts Service),

   — kolonna 3 (Isem): l-isem kimiku,

   — kolonna 4 (Restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet): Dawn jistgħu jinkludu:

      — il-limitu speċifiku ta' migrazzjoni (SML),

      — il-kwantità massima permessa tas-sostanza fil-materjal jew oġġett lest (QM),

      — il-kwantità massima permessa tas-sostanza fil-materjal jew oġġett lest imfissra bħala mg għal kull 6 dm^2 tal-wiċċ f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel (QMA),

▼B

— kwalunkwe restrizzjonijiet oħra msemmija speċifikament

— kwalunkwe tip ta' speċifikazzjoni li għandha x'taqsam mas-sostanza jew mal-*polymer*.

6. Jekk sostanza li tidher fuq il-lista bħala kompożizzjoni individwali taqa' wkoll tat il-fraża ġenerika, ir-restrizzjonijiet li japplikaw għal din is-sostanza għandhom ikunu dawk indikati għall-kompożizzjoni individwali.

7. Fejn ikun hemm inkonsistenza bejn in-numru CAS u l-isem kimiku, l-isem kimiku għandu jieħu l-preċedenza fuq in-numru tas-CAS. Jekk ikun hemm xi inkonsistenza bejn in-numru CAS rappurtat fl-Einecs u r-Reġistru CAS, għandu japplika n-numru CAS fir-Reġistru tas-CAS.

8. Fil-kolonna 4 tat-tabella huma wżati numru ta' taqsiriet jew espressjonijiet, li t-tifsir tagħhom huwa kif ġej:

DL = Limitu ta' skoperta tal-metodu ta' analiżi;

FP = Materjal jew oġġett lest;

NCO = Isocyanate moiety;

ND = ma tistax tiġi skoperta. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva "ma tistax tiġi skoperta" tfisser li s-sostanza ma għandhiex tiġi skoperta b'metodu validat ta' analiżi li għandu jiskopriha fil-limitu ta' skoperta (DL) speċifikat. Jekk fil-preżent ma jeżistix metodu bħal dan, jista' jintuża metodu analitiku b'karatteristiċi ta' rendiment xierqa fil-limitu ta' skoperta, sakemm ma jiġix żviluppat metodu validat;

▼M2

QM = Kwantità massima permessa tas-sustanza "residwa"; fil-materjal jew oġġett. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva l-kwantità tas-sustanza fil-materjal jew l-oġġett għandha tiġi stabbilita permezz ta' metodu validat ta' analiżi. Jekk dak il-metodu ma' jkunx kurrentement jeżisti, metodu analitiku b'karatteristiċi adattati ta' twettieq fil-limitu speċifikat jista' jintuża, sakemm jiġi żviluppat metodu validat;

▼B

QM(T) = Il-kwantità massima permessa tas-sostanza "residwa" fil-materjal jew fl-oġġett imfissra bħala t-total tal-moiety jew sostanza(i) ndikat (i). Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-kwantità tas-sostanza fil-materjal jew fl-oġġett għandha tiġi stabbilita b'metodu validat ta' analiżi. Jekk metodu bħal dan ma jkunx jeżisti fil-preżent, jista' jintuża metodu analitiku b'karatteristiċi xierqa ta' rendiment fil-limitu speċifikat, sakemm ma jiġix żviluppat metodu validat;

QMA = Il-kwantità massima permessa tas-sostanza "residwa" fil-materjal jew fl-oġġett lest imfissra bħala mg għal kull 6 dm^2 tal-wiċċ f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-kwantità tas-sostanza fil-wiċċ tal-materjal jew ta' l-oġġett għandha tiġi stabbilita b'metodu ta' analiżi validat. Jekk fil-preżent ma jkunx jeżisti metodu bħal dan, jista' jintuża metodu analitiku b'karatteristiċi ta' rendiment xierqa fil-limitu speċifikat, sakemm ma jiġix żviluppat metodu validat;

QMA(T) = Il-kwantità massima permessa tas-sostanza "residwa" fil-materjal jew oġġett imfissra bħala mg tat-total ta' moiety jew sostanza(i) ndikati għal kull 6 dm^2 ta' wiċċ f'kuntatt ma' l-ikel. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-kwantità tas-sostanza fil-wiċċ tal-materjal jew oġġett għandha tiġi stabbilita b'metodu ta' analiżi validat. Jekk fil-preżent ma jeżistix metodu bħal dan, jista' jintuża metodu analitiku b'karatteristiċi ta' rendiment xierqa fil-limitu speċifikat, sakemm ma jiġix żviluppat metodu validat;

SML = Il-limitu ta' migrazzjoni speċifiku f'ikel jew simulant ta' l-ikel, sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-migrazzjoni speċifika tas-sostanza għandha tiġi stabbilita b'metodu ta' analiżi validat. Jekk fil-preżent ma jeżistix metodu bħal dan, jista' jintuża metodu analitiku b'karatteristiċi ta' rendiment xierqa fil-limitu speċifikat, sakemm ma jiġix żviluppat metodu validat;

SML(T) = Il-limitu ta' migrazzjoni speċifiku f'ikel jew simulant ta' l-ikel imfisser bħala t-total tal-moiety jew sostanza(i) ndikata(i). Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-migrazzjoni speċifika tas-sostanza għandha tiġi stabbilita b'metodu ta' analiżi validat. Jekk fil-preżent ma jeżistix metodu bħal dan, jista' jintuża metodu analitiku b'karatteristiċi ta' rendiment xierqa fil-limitu speċifikat, sakemm ma jiġix żviluppat metodu validat.

▼B

Taqsima A

Lista ta' *monomers* awtorizzati u sustanzi tal-bidu oħra.

Nru. ta' Ref.	Nru tas-CAS	Isem	Restrizzjonijiet u/jew specifikazzjonijiet
(1)	(2)	(3)	(4)
10030	000514-10-3	Aċidu abjetiku	
10060	000075-07-0	Acetaldehyde	SML(T) = 6 mg/kg ([2])
10090	000064-19-7	Aċidu acetiku	
10120	000108-05-4	Aċidu acetiku, ester tal-vinyl	SML = 12 mg/kg
10150	000108-24-7	Aċetiku anidru	
10210	000074-86-2	Acitilena	
▼M2			
10599/90A	061788-89-4	Aċidi, mxaħħmin, mhux saturati (C18), magħmula minn żewġ molekuli, distillati	QMA(T) = 0,05 mg/6 dm^2 ([27])
10599/91	061788-89-4	Aċidi, mxaħħmin, mhux saturati (C18), magħmula minn żewġ molekuli, mhuxdistillati	QMA(T) = 0,05 mg/6 dm^2 ([27])
10599/92A	068783-41-5	Aċidi, mxaħħmin, mhux saturati (C18), magħmula minn żewġ molekuli, idroġenati distillati	QMA(T) = 0,05 mg/6 dm^2 ([27])
10599/93	068783-41-5	Aċidi, mxaħħmin, mhux saturati (C18), magħmula minn żewġ molekuli, idroġenati mhux distillati	QMA(T) = 0,05 mg/6 dm^2 ([27])
▼B			
10630	000079-06-1	Akrilamide	SML = ND (DL = 0,01 mg/kg)
10660	015214-89-8	2-Acrylamido-2-methylpropane-sulphonic acid	SML = 0,05 mg/kg
10690	000079-10-7	Aċidu Akriliku	►M3 SML(T) = 6 mg/kg ([36]) ◄
10750	002495-35-4	Aċidu akriliku, ester tal-benzyl	►M3 SML(T) = 6 mg/kg ([36]) ◄
10780	000141-32-2	Aċidu akriliku, ester tal-n-butyl	►M3 SML(T) = 6 mg/kg ([36]) ◄
10810	002998-08-5	Aċidu akriliku, ester tas-sec-butyl	►M3 SML(T) = 6 mg/kg ([36]) ◄
10840	001663-39-4	Aċidu akriliku, ester tat-tert-butyl	►M3 SML(T) = 6 mg/kg ([36]) ◄
▼M3			
11005	012542-30-2	Aċdu akriliku, dicyclopentenyl ester	QMA = 0.05 mg/6 dm^2
▼B			
11245	002156-97-0	Aċidu akriliku, ester tad-dodecyl	SML = 0,05 mg/kg ([1])
11470	000140-88-5	Aċidu akriliku, ester ta' l-ethyl	►M3 SML(T) = 6 mg/kg ([36]) ◄
▼M3			
11500	000103-11-7	Aċdu akriliku, 2-ethylhexyl ester	SML = 0.05 mg/kg
▼B			
11510	000818-61-1	Aċidu akriliku, ester ta' l-idroxyethyl	Ara 'Acidu akriliku, monoester b'ethyleneglycol' ethyleneglycol'

▼B

Nru. ta' Ref.	Nru tas-CAS	Isem	Restrizzjonijiet u/jew specifikazzjonijiet
(1)	(2)	(3)	(4)
11530	00999-61-1	►M2 Aċidu akriliku, 2-hydroxypropyl ester ◄	►M2 QMA = 0,05 mg/6 dm^2 għas-somma ta' aċidu akriliku, 2-hydroxypropyl ester u aċidu akrilika, 2-hydroxyisopropyl ester u b'konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Anness V ◄
11590	000106-63-8	Aċidu akriliku, ester ta' l-isobutyl	►M3 SML(T) = 6 mg/kg ([36]) ◄
11680	000689-12-3	Aċidu akriliku, ester ta' l-isopropyl	►M3 SML(T) = 6 mg/kg ([36]) ◄
11710	000096-33-3	Aċidu akriliku, ester tal-methyl	►M3 SML(T) = 6 mg/kg ([36]) ◄
11830	000818-61-1	Aċidu akriliku, monoester b'ethyleneglycol	►M3 SML(T) = 6 mg/kg ([36]) ◄
11890	002499-59-4	Aċidu akriliku, n-octyl ester	►M3 SML(T) = 6 mg/kg ([36]) ◄
11980	000925-60-0	Aċidu akriliku, propyl ester	►M3 SML(T) = 6 mg/kg ([36]) ◄
12100	000107-13-1	Acrylonitrile	SML = ND (DL = 0,020 mg/kg, tolleranza analitika nkluża)
12130	000124-04-9	Aċidu adipiku	
12265	004074-90-2	Aċidu adipiku, diester tal-vinyl	QM = 5 mg/kg in FP. Jew użah biss bħala comonomer
12280	002035-75-8	Adipiku anidru	
12310		Albumina	
12340		Albumina, ikkoagulata permezz ta' formaldehyde	
12375		Alkoħol, alifatiku, monoidriku, saturat, linejari, primarju (C - C22)	
12670	002855-13-2	1-Amino-3-aminomethyl-3,5,5 trimethylcyclohexane	SML = 6 mg/kg
12761	000693-57-2	12-Aminododecanoic acid	SML = 0,05 mg/kg
12763	000141-43-5	2-Aminoethanol	SML = 0,05 mg/kg. Ma jistax jintuża f'polymers li jmissu ma' l-ikel li s-simulant D għalihom jinsab fid-Direttiva 85/572/KEE u għall-kuntatt indirett ta' l-ikel biss, wara s-saff PET
12765	084434-12-8	N-(2-Aminoethyl)-beta-alanine, melh tas-sodju	SML = 0,05 mg/kg
▼M3			
12786	000919-30-2	3-Aminopropyltriethoxysilane	Kontenut residwu li jista' jiġi estratt ta' 3-aminopropyltriethoxysilane li għandu jkun inqas minn 3 mg/kg ta' filler. Għandu jintuża biss għal trattament tal-wiċċ reattiv tal-fillers inorganiċi
▼B			
12788	002432-99-7	11-Aminoundecanoic acid	SML = 5 mg/kg
12789	007664-41-7	Ammonja	
12820	000123-99-9	Aċiduażelajku	
12970	004196-95-6	Ażelajku anidru	

▼B

Nru. ta' Ref.	Nru tas-CAS	Isem	Restrizzjonijiet u/jew specifikazzjonijiet
(1)	(2)	(3)	(4)
13000	001477-55-0	1,3-Benzenedimethanamine	SML = 0,05 mg/kg
13060	004422-95-1	1,3,5-Benzenetricarboxylic acid trichloride	QMA = 0,05 mg/6 dm^2 (ikkalkulat bħala 1,3,5-Benzenetricarboxylic acid)
13075	000091-76-9	Benzoguanamine	Ara "2,4-Diamino-6-phenyl-1,3,5-triazine"
13090	000065-85-0	Aċidu benżojku	
13150	000100-51-6	Alkohol benzyl	
13180	000498-66-8	Bicyclo(2.2.1)hept-2-ene (= Norbornene)	SML = 0,05 mg/kg
13210	001761-71-3	Bis(4-aminocyclohexyl) methane	SML = 0,05 mg/kg
▼M3			
13317	132459-54-2	N, N'-Bis[4-(ethoxycarbonyl) phenyl]-1,4,5,8-naphthalenetetracarboxydiimide	SML = 0.05 mg/kg. Purezza > 98,1 % (w/w). Għandu jintuża biss bħala *co-monomer* (massimu 4 %) għall- polyesters (PET, PBT)
▼M2			
13323	000102-40-9	1,3-Bis(2-hydroxyethoxy) benżin	SML = 0,05 mg/kg
▼B			
13326	000111-46-6	Etere tal-Bis (2-hydroxyethyl)	Ara "Diethyleneglycol"
13380	000077-99-6	2,2-Bis(hydroxymethyl)-1-butanol	Ara "1,1,1-Trimethylolpropane"
13390	000105-08-8	1,4-Bis(hydroxymethyl)cyclohexane	
13395	004767-03-7	Aċidu 2,2-Bis(hydroxymethyl) propjoniku	QMA = 0,05 mg/6 dm^2
13480	000080-05-7	►M2 2,2-Bis(4-hydroxyphenyl)propan ◄	►M2 SML(T) = 0,6 mg/kg ([28]) ◄
13510	001675-54-3	2,2-Bis(4-hydroxyphenyl) propane bis(2,3-epoxypropyl) ether (= BADGE)	Skond id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/16/KE tal-20 ta' Frar 2002 dwar l-użu ta' ċerti derivati epossidiċi f'materjali w oġġetti maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel (ĠU L 51, 22.2.2002, p. 27)
13530	038103-06-9	2,2-Bis(4-hydroxyphenyl) propane bis(phthalic anhydride)	SML = 0,05 mg/kg
13550	000110-98-5	Bis(hydroxypropyl) ether	Ara "Dipropyleneglycol"
13560	0005124-30-1	Bis(4-isocyanatocyclohexyl) methane	Ara "Dicyclohexylmethane-4,4'-diisocya nate"
13600	047465-97-4	3,3-Bis(3-methyl-4-hydroxyphenyl)2-indolinone	SML = 1,8 mg/kg
13607	000080-05-7	Bisphenol A	Ara "2,2-Bis (4-Hydroxyphenyl) propane"
13610	001675-54-3	Bisphenol A bis(2,3-epoxypropyl) ether	Ara "2,2-Bis (4-Hydroxyphenyl) propanebis(2,3-epoxypropyl) ether"
13614	038103-06-9	Bisphenol A bis(phthalic anhydride)	Ara "2,2-Bis(4hydroxyphenyl)propane bis(phthalic anhydride)"
13617	000080-09-1	Bisphenol S	Ara "4,4'-Dihydroxydiphenyl sulphone"

▼B

Nru. ta' Ref.	Nru tas-CAS	Isem	Restrizzjonijiet u/jew specifikazzjonijiet
(1)	(2)	(3)	(4)
13620	010043-35-3	Aċidu boriku	SML(T) = 6 mg/kg ([23]) (imfisser bħala Boron) mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 98/83/KE dwar ilma għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).
13630	000106-99-0	Butadiene	QM = 1 mg/kg f'FP jew SML = li ma jigix skopert (DL = 0,020 mg/kg, tolleranza analitika nkluża)
13690	000107-88-0	1,3-Butanediol	
13720	000110-63-4	1,4-Butanediol	►M3 SML(T) = 5 mg/kg (24) ◄
13780	002425-79-8	1,4-Butanediol bis(2,3-epoxypropyl)etere	QM = 1 mg/kg in FP (imfisser bħala grupp epossidiku, Mw = 43)
13810	000505-65-7	1,4-Butanediol formal	QMA = 0,05 mg/6 dm^2
13840	000071-36-3	1-Butanol	
13870	000106-98-9	1-Butene	
13900	000107-01-7	2-Butene	
13932	000598-32-3	3-Buten-2-ol	QMA = ND (DL = 0,02 mg/6 dm^2) Li għandha tintuża biss bħala comonomer għall-preparazzjoni ta' additiv polimetriku
14020	000098-54-4	4-tert-Butylphenol	SML = 0,05 mg/kg
14110	000123-72-8	Butyraldehyde	
14140	000107-92-6	Aċidu butiriku	
14170	000106-31-0	Butiriku anidru	
14200	000105-60-2	Caprolactam	SML(T) = 15 mg/kg ([5])
14230	002123-24-2	Caprolactam, melħ tas-sodju	SML(T) = 15 mg/kg ([5]) (imfisser bħala Caprolactam)
▼M3			
14260	000502-44-3	Caprolactone	SML = 0.05 mg/kg (li huwa espressi bħala s-somma ta' caprolactone u 6-hydroxyhexanoic acid)
▼B			
14320	000124-07-2	Aċidu kapriliku	
14350	000630-08-0	Monossidu tal-karbonju	
14380	000075-44-5	Klorur tal-karbonil	QM = 1 mg/kg in FP
14411	008001-79-4	Żejt tar-rignu	
14500	009004-34-6	Ċelluloża	
14530	007782-50-5	Klorur	
14570	000106-89-8	1-Chloro-2,3-epoxypropane	Ara "Epichlorohydrin"
14650	000079-38-9	Chlorotrifluoroethylene	QMA = 0,5 mg/6 dm^2
14680	000077-92-9	Aċidu ċitriku	
14710	000108-39-4	m-Cresol	
14740	000095-48-7	o-Cresol	
